32005R2095

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2095/2005

ta' l-20 ta' Diċembru 2005

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2075/92 fir-rigward tal-komunikazzjoni ta' informazzjoni dwar it-tabakk

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2075/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tat-tabakk mhux ipproċessat [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 21 tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tissorvelja l-iżviluppi tas-suq fis-settur tat-tabakk mhux proċessat kopert mill-organizzazzjoni tas-suq komuni stabbilita bir-Regolament (KEE) Nru 2075/92, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jikkomunikaw l-informazzjoni neċessarja.

(2) Għal dan il-għan, ġie adottat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 604/2004 tad-29 ta' Marzu 2004 dwar il-komunikazzjoni tal-informazzjoni rigward it-tabakk mill-ħsad ta' 2000 'il quddiem [2].

(3) L-informazzjoni li trid tiġi kkomunikata għandha tipprovdi deskrizzjoni qasira ġenerali tas-suq globali Komunitarju tat-tabakk, u għandha, b'mod partikolari, tikkunsidra d-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa [3] u r-regoli implimentattivi tiegħu.

(4) Fl-interess ta' amministrazzjoni effiċjenti, l-informazzjoni kkomunikata għandha tiġi kklassifikata skont il-grupp ta' varjetà ta' tabakk u għandhom jiġu ffissati skadenzi għas-sottomissjoni tagħha.

(5) Huwa xieraq għaldaqstant li d-dispożizzjonijiet dwar l-informazzjoni li trid tiġi kkomunikata jiġu adattati skont dan.

(6) Fl-interess taċ-ċarezza u r-razzjonalità, ir-Regolament (KE) Nru 604/2004 għandu jitħassar u jiġi ssostitwit b'regolament ġdid.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għat-Tabakk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għal kull ħsad, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni permezz ta' trażmissjoni elettronika l-informazzjoni stabbilita fl-Annessi IA, IB, II u III f'konformità mal-iskadenzi ffissati fihom.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi konċernati jipprovduhom bl-informazzjoni meħtieġa sal-iskadenzi rilevanti.

Artikolu 3

1. Ir-Regolament (KE) Nru 604/2004 jitħassar.

Madankollu, għandu jkompli japplika għall-komunikazzjonijiet marbuta mal-ħsad tal-2005.

2. Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinftiehmu skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IV.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2006.

[1] ĠU L 215, 30.7.1992, p. 70. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1679/2005 (ĠU L 271, 15.10.2005, p. 1).

[2] ĠU L 97, 1.4.2004, p. 34.

[3] ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 118/2005 (ĠU L 24, 27.1.2005, p. 15).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Diċembru 2005.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS IA

Informazzjoni li trid tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju tas-sena tal-ħsad konċernata

Ħsad: .....

L-Istat Membru li qed jagħmel id-dikjarazzjoni: .....

Għadd totali ta' bdiewa li jipproduċu t-tabakk: .....

ANNESS IB

Informazzjoni li trid tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju tas-sena tal-ħsad konċernata

Ħsad: ..... L-Istat Membru li qed jagħmel id-dikjarazzjoni: .....

Grupp ta' varjetajiet: .....

	Stat Membru tal-produzzjoni (li qed jagħmel id-dikjarazzjoni)	Stat Membru tal-produzzjoni Isem:	Stat Membru tal-produzzjoni Isem:	Stat Membru tal-produzzjoni Isem:
1. KUNTRATTI TA' KULTIVAZZJONI				
1.1. Għadd ta' kuntratti ta' kultivazzjoni reġistrati				
1.2. Kwantità ta' tabakk (f'tunnellati) tal-kontenut ta' ndewwa msemmi fl-Anness XXVIII tar-Regolament (KE) Nru 1973/2004 koperta mill-kuntratti				
1.3. Superfiċje totali koperta mill-kuntratti (f'ettari)				
2. BDIEWA LI JIPPRODUĊU T-TABAKK				
2.1. Għadd totali ta' bdiewa li jipproduċu t-tabakk				
2.2. Għadd ta' bdiewa li jappartjenu għal assoċjazzjoni tal-produtturi				
3. IMPRIŻI TAL-EWWEL IPPROĊESSAR				
3.1. Għadd ta' impriżi tal-ewwel ipproċessar li jikkonkludu kuntratti ta' kultivazzjoni				
4. PREZZIJIET ([1])				
4.1. L-ogħla prezz (EUR kull kg) miftiehem fil-kuntratti ta' kultivazzjoni, fil-munita rilevanti eskluża t-taxxi u d-dazji l-oħra. Indika l-kwalità ta' referenza				
4.2. L-inqas prezz (EUR kull kg) maqbul fil-kuntratti ta' kultivazzjoni, fil-munita rilevanti eskluża t-taxxi u dazji oħra. Indika l-kwalità tar-referenza				

([1]) L-Istati Membri li jużaw il-munita nazzjonali tagħhom għandhom japplikaw ir-rata tal-kambju tal-1 ta' Jannar tas-sena tal-ħsad.

ANNESS II

Sommarju tal-informazzjoni li għandha tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara dik tal-ħsad

Ċifri kumulattivi għall-ħsad konċernat

Ħsad: ..... L-Istat Membru li qed jagħmel id-dikjarazzjoni: .....

Grupp ta' varjetajiet: .....

	Stat Membru tal-produzzjoni (li qed jagħmel id-dikjarazzjoni)	Stat Membru tal-produzzjoni Isem:	Stat Membru tal-produzzjoni Isem:	Stat Membru tal-produzzjoni Isem:
1. Il-kwantità kkunsinnata (f'tunnellati)				
1.1. Il-kwantità totali ta' tabakk mhux proċessat tal-istandard ta' kwalità minimu u l-kontenut ta' ndewwa msemmi fl-Anness XXVIII tar-Regolament (KE) Nru 1973/2004				
1.2. Il-kwantità ta' tabakk mhux proċessat tal-istandard ta' kwalità minimu u l-kontenut ta' ndewwa msemmi fl-Anness XXVIII tar-Regolament (KE) Nru 1973/2004 kkunsinnati minn assoċjazzjonijiet tal-produtturi				
2. Il-kwantità attwali ta' tabakk mhux proċessat (f'tunnellati) tal-istandard ta' kwalità minimu qabel l-aġġustament tal-piż fuq il-bażi tal-kontenut ta' ndewwa				
3. Il-prezz medju (EUR f'kg), esklużi t-taxxi u dazji oħra, imħallsa mill-impriżi tal-ewwel ipproċessar [1]				

[1] L-Istati Membri li jużaw il-munita nazzjonali tagħhom għandhom japplikaw ir-rata tal-kambju tal-1 ta' Jannar tas-sena kalendarja ta' wara dik tal-ħsad.

ANNESS III

Informazzjoni li għandha tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju tas-sena ta' wara dik tal-ħsad

Moviment tal-istokkijiet (f'tunnellati) miżmum mill-ewwel proċessuri

L-Istat Membru li qed jagħmel id-dikjarazzjoni: .....

Data tad-dikjarazzjoni: .....

Grupp ta' varjetajiet	Il-ħsad konċernat	Il-kwantitajiet rilaxxati fis-suq Komunitarju matul is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni preċedenti (1)	Il-kwantitajiet rilaxxati fis-swieq tal-pajjiżi terzi matul is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni preċedenti (1)	Il-pożizzjoni tal-istokk fl-aħħar jum tas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni preċedenti (1)

(1) Is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni hi meqjusa li tibda fl-1 ta' Lulju tas-sena tal-ħsad u tintemm fit-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara dik tal-ħsad

ANNESS IV

Tabella ta' korrelazzjoni

Regolament (KE) Nru 604/2004	Dan ir-Regolament
Artikoli 1 u 2	Artikoli 1 u 2
Artikolu 3	—
Artikolu 4	Artikolu 3
Artikolu 5	Artikolu 4
Annessi I, II u III	Annessi IB, II u III
—	Anness IA
Anness IV	—
Anness V	Anness IV